MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Numru 874/2014

**PULIZIJA**

**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**JASON SCIBERRAS**

**Il-Qorti;**

**Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;**

Jason Sciberras ta' 37 sena, bin Carmelo u Carmela nee' Fleri, mwieled Pieta' fit-22 ta' Awwissu 1977, residenti Marpin, Flat 2, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 404677M;

> Talli fit-12 ta' Awwissu 2014 ghall- habta tal-10.00pm fi Triq Sant' Artistarku, San Pawl il-Bahar, barra l-Aphrodite Bar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' John Said detentur tal-Karta tal-Identita' numru 821155M, skont kif iccertifika t-tabib Dr Carlo Refalo MD (Reg. 3235) tal-isptar Mater Dei;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Semghet il-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A kif emendat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tittratta sommarjament mal-imputat;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-difiza kienu qablu fuq sanzjoni fil-komunita' minnflok piena f'dan il-kaz;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illli l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat u l-vittma f'dan il-kaz kienu jafu lil xulxin, tant l-l-imputat kien issellef xi ghoxrin ewro minn ghand Said. Gara li l-imputat ma kienx ta lura dawk il-flus wara xi zmien, u dan baqa' ma tahielux, u qam argument bejniethom, bil-konsegwenza li gew fl-idejn u Said sofra griehi f'wiccu. Ghalkemm dawn gew ikklassifikati gravi, mir-rapport mediku tal-espert tal-Qorti, it-tabib Mario Scerri, jidher li l-marka li ghandu Said hi wahda minima taht il-widna l-leminija, u l-Qorti hi tal-fehma li hija kwazi ferita hafifa. Jidher ukoll li bejn il-partijiet illum ma hemm ebda pretensjoni ohra, u ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tal-imputat u tac-cirkostanzi tal-kaz, ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 u 218 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------